MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2009

Numru 4/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Giosue` Gauci**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fid-19 ta' Jannar 2007 kontra Giosue` Gauci li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb

b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; u (2) fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna (barra minn omicidju volontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux ghal xi ghan legittimu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' Gunju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra, sabu lill-imsemmi Giosue` Gauci hati skond l-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza, b'dan pero` li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu u b'sitt (6) voti favur u bi tliet (3) voti kontra sabuh hati skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, iddikjarat lill-istess Giosue` Gauci hati talli:

(i) fit-8 ta' Frar 2005, ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) f'tas-Sliema, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Ronald Azzopardi jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, b'dan pero` li r-reat huwa skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu, u dan fir-rigward ta' l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(ii) fit-8 ta' Frar 2005, ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30 a.m.) f'tas-Sliema, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan mhux ghal xi ghan legittimu, u dan skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1), 227(c), 228(2) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 2, 19, 26 u 27 tal-

Kap.66, ikkundannat lill-appellant Giosue` Gauci ghall-piena ta’ sitt (6) snin prigunerija, b’dan li minn dan il-perijodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma’ dawn ir-reati, kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta’ elf mija u disghin euro u dsatax-il centezmu (€1,190.19c) (hames mija u ghaxar liri Maltin u hamsa u disghin centezmi [LM510.95]), import ta’ l-ispejjez peritali, a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, wara li semghet ix-xiehda ta’ martu Georgina Gauci u ta’ Fr. Michael Agius li ddeponew dwar il-karattru ta’ l-appellant u l-fatt li ghamel atti ta’ karita` f’ammonti sostanzjali, u wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Arthur Azzopardi, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-

1. illi l-verdett kien wiehed minimu ta’ sitt voti kontra tlieta;
2. li ghalkemm fil-fedina penali tal-hati kien hemm diversi kundanni, uhud minnhom kienu biss ta’ infrazzjonijiet minimi jew ksur tal-ligijiet tat-traffiku jew inkella ksur ta’ ligijiet amministrattivi, eccetto l-ahhar kundanna lilu moghtija fis-sena 2002 ghar-reat kontinwat ta’ mizappropjazzjoni ta’ taxxa ta’ somma ta’ Lm22,689.02 dovuta lill-Gvern Malti li giet fdata lilu w lid-diretturi ohra ta’ kumpannija kummercjali, liema somma pero` skond l-Avukat Difensur issa thallset;
3. li l-hati kkollabora mal-Pulizija w li kien hu stess li mar ghand il-Pulizija wara l-incident;
4. li l-gurati abbraccaw it-tezi difensjonali li l-hati agixxa taht l-influenza istantanja jew agitazzjoni tal-mohh;

5. li l-vittima f'ebda hin ma kien fil-periklu tal-mewt skond it-tobba;
6. li hemm ukoll il-kondizzjoni medika tal-hati;
7. li l-flus dovuti lilu minn Ronald Azzopardi sal-lum kienu ghadhom ma thallsux;
8. u fuq kollox li l-vittma Ronald Azzopardi ddikjara quddiem din il-Qorti li hu hafer lill-hati;

"Ghalhekk, ghalkemm f'dan il-kaz ma kienx possibbli li tinghata piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza w lanqas li jigi applikat xi provvediment taht l-Att dwar il-Probation, kien il-kaz li l-Qorti taghti piena fil-minimu taghha li f'dan il-kaz hu ta' tliet snin prigunerija;

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara:-
1. illi f'dan il-kaz si trattava ta' htija ta' zewg reati;
2. li ghalkemm il-piena fil-minimu taghha kienet ta' tliet snin prigunerija il-massimu taghha kien ta' tnax-il sena prigunerija;
3. li mir-rizultanzi johrog li l-hati mar fl-ufficju ta' Ronald Azzopardi armat b'arma tan-nar u kulhadd jaf x'inhuma l-konsegwenzi tal-uzu tal-armi tan-nar u dan l-agir tal-hati kien estremament kundannabbli;
4. li ghalkemm jirrizulta li l-hati kellu jiehu somom ta' flus minghand Azzopardi, qatt ma kien gustifikat li juza din it-tip ta' vjolenza kontra tieghu b'intenzjoni omicida kif hareg mill-verdett;
5. filwaqt li kien minnu li Ronald Azzopardi f'ebda hin ma kien fil-periklu tal-mewt, fi kliem l-espert tal-Qorti Dr. Scerri ***"Dan kien ghax il-Bambin habbu"*** u ma ntlaqtux partijiet vitali tal-gisem li kienu ferm vicin it-trajjettorja tal-bullet li laqtitu;
6. ghalkemm jekk hu minnu li l-hati kien jaghmel donazzjonijiet ghall-karita` hu kien jammirah f'dan, ma setax jammirah ghall-fatt li mar armat u pprova joqtol lil haddiehor;
7. f'kull kaz il-Qorti trid timxi ma' kulhadd bl-istess qies ghax inkella min ma jkollux il-mezzi biex jaghmel il-karita` jigi trattat b'mod differenti minn min ikollu dawn il-mezzi;

“Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni w id-difiza li bih qablu li l-piena applikabbli f’dan il-kaz tenut kont tal-estenwanti dwar l-Ewwel Kap hija dik ta’ minimu ta’ tliet snin prigunerija u massimu ta’ tnax-il sena prigunerija;
“Ikkonsidrat:
“Illi ghalkemm il-hati nstab hati taht iz-zewg kapi tal-Att tal-Akkuza, ir-reat taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena ghandu jigi assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap skond l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali billi indubbjament serva bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat imsemmi fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
“Illi fil-waqt li din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sens ta’ frustrazzjoni li seta’ hakem lill-hati meta ghal xhur shah Ronald Azzopardi, minkejja weghdiet ripetuti w hrug ta’ ‘cheques’ li ma jigux onorati mill-banek, dejjem kien johroglu b’xi skuza biex ma jhallsux dak li kien legalment dovut lilu, din il-Qorti tqis li dan it-tip ta’ agir, fejn ghal darba darbtejn il-hati spara lil Azzopardi b’arma tan-nar, ma jista’ jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li:
“*‘il-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi’* w li *‘mhuwiex inoltre tollerabbi li f’socjeta` civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x’inhi r-raguni.’”* (App. Krim. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Noel Mizzi** [15-12-2005] u ohrajn).

“Qieset ukoll dak li gie ritenut fis-sentenza Ingliza ‘Bancroft’ (1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b’approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kaz **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Francis sive Cikku Farrugia** [30/10/2003]:

“*‘…notwithstanding that a man’s reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control , there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability…”* **(ara Jeremy Horder: Provocation and Responsibility (OUP), 1992 p.120).**

“Mill-banda l-ohra, hemm fattur determinanti f’din il-kawza li johrog mill-mahfra inkondizzjonata tal-vittma Ronald Azzopardi, u din il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt u filwaqt illi trid izzomm quddiem ghajnejha il-gravita` tar-reat, tqis li huwa gust fic-cirkostanzi li l-piena tkun eqreb lejn il-minimu milli lejn il-massimu taghha f’dan il-kaz (ara f’dan is-sens l-App. Kriminali **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Paul Hili** [19/06/2008]).”

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Giosue` Gauci pprezentat fl-10 ta’ Lulju 2008 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett ta’ htija moghti mill-gurija fil-konfront ta’ l-Ewwel u tat-Tieni Kapi ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, jew li tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu huwa gie misjub hati ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza b’dan pero` li r-reat huwa skuzabbli, ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-ghemil tieghu, tikkonferma s-sejbien ta’ htija taht it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza u tirrevokaha kwantu l-hlas ta’ l-ispejjez peritali ma humiex dovuti u tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra nqas skond il-ligi; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (2) li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta’ kellha influwenza fuq il-verdett; (3) minghajr pregudizzju, li l-ispejjez peritali mhumiex dovuti ghax inkorsi ghal periti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti; u (4) minghajr pregudizzju, il-piena, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, tista’ tinghata fil-minimu. Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-aggravju ta’ natura legali fejn l-appellant ghandu tliet ilmenti.

**7.** L-ewwel ilment jirrigwarda l-element intenzjonali dwar l-offiza hafifa fuq il-persuna kkontemplata fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jghid li ma jaqbilx mal-parti ta’ l-indirizz fejn issemma li l-element intenzjonali rikjest

mil-ligi sabiex ikun hemm sejbien ta’ htija a bazi ta’ dan l-artikolu hija intenzjoni specifika u mhux dik generika. Jghid li filwaqt li l-ewwel Qorti kienet korretta li ssemmi li ghal sejbien ta’ htija ai fini ta’ l-Ewwel Kap ta’ l-att ta’ akkuza hekk kif ikkontemplat u anke fl-alternattiva l-ohra pprospettata mid-difiza, u cioe` tentattiv ta’ offiza gravi, tehtieg l-intenzjoni specifika, huwa jsostni li ghall-forom l-ohra kollha ta’ l-offiza fuq il-persuna jehtieg l-intenzjoni generika, l-*animus nocendi*. Ghalhekk probabbilment, isostni l-appellant, il-gurati hasbu li ma hemmx differenza u dan seta’ jwassal ghal skorrettezza li kellha nfluwenza fuq il-verdett.

**8.** Fil-verita` fejn si tratta ta’ offizi, wiehed dejjem jitkellem dwar l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara lill-persuna, u cioe` l-*animus nocendi*. Bhalma jghid il-Prof. Sir Anthony Mamo fl-appunti tieghu:

**“To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the ‘animus nocendi’, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted…. Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle ‘dolus indeterminatus determinatur ab exitu’.”**

**9.** F’dan il-kaz nafu li l-vittma sofra offiza ta’ natura hafifa. Nafu wkoll illi dik l-offiza giet ikkagunata b’pistola. Il-verdetti alternattivi kienu bazati fuq l-akkuza originali ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju, u dawk komprizi u involuti ta’ tentattiv ta’ offiza gravi u dik ta’ offiza hafifa.

**10.** Fl-indirizz tighu l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma ghamel l-ebda referenza ghall-intenzjoni generika. Huwa qal[1]:

"Jekk lanqas intom ma tkunu sodisfatti sal-grad tac-certezza morali li meta saru dawk l-affarijiet kellu l-intenzjoni li ghall-inqas jaghmillu ferita gravi, u nafu li fil-fatt ghamillu ferita ta' natura hafifa, - ghax hekk qalulna t-tobba, fortunatament - allura mbaghad naraw jekk jirrizultax illi saret ferita ta' natura hafifa b'arma. Taghmel differenza b'arma u mhux b'arma. Dik haga li tridu tghiduha intom ukoll jekk saritx b'arma jew le dik il-ferita. U dan biex nurikom illi l-ligi *once* illi intom ma ssibux htija ta' l-Ewwel Kap minhabba nuqqas ta' intenzjoni specifika ma tridux tieqfu hemm, imma tridu taraw tistax tirrizulta xi haga kompriza u involuta fi grad inqas gravi, u cioe` f'dan il-kaz jew tentattiv ta' ferita gravi jew inqas minn hekk ferita hafifa b'arma. Anki tentattiv ta' ferita gravi tkun bl-arma wkoll dak importanti li nghiduh. Dan qed nghidu minn issa stess ghax iktar 'il quddiem imbaghad meta naraw il-verdetti possibbli u immaginabbli se jkun hemm tliet kategoriji ta' verdetti li jirriflettu ghall-inqas dawn it-tliet ipotezijiet. Jew meta tirrizulta l-intenzjoni specifika ta' qtil jew li tpoggi fil-periklu hajjet ta' dak li jkun, jew meta tirrizulta l-intenzjoni specifika f'dan il-kaz ta' ferita gravi allavolja ma rrizultatx u allura jista' jkun hemm tentattiv taghha jew inkella meta tirrizulta l-ferita hafifa biss. Tliet kategoriji li mbaghad tridu tahsbu fihom meta tigu biex taraw il-kwistjoni ta' l-intenzjoni biss, ghal dik il-fini biss."

U aktar 'il quddiem[2]:

"Allura intom tridu, fil-kaz ta' l-ewwel difiza, [tas-self-defence] li tapplika dejjem jekk naturalment taccettaw il-verzjoni li qed jghid hu, u mhux dik li tana Ronald Azzopardi hawn illi l-fatti graw kif qal hu. Din id-difiza tapplika sia jekk intom iddecidejtu li l-intenzjoni tieghu kienet li joqtol jew li jpoggi l-hajja tieghu f'periklu car, sia jekk intom tghidu 'ara, ahna m'ahniex sodisfatti illi l-

---

[1] Pagna 33 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[2] *Ibidem* pagna 68 – 69.

intenzjoni tieghu kienet dik specifika, imma kienet wahda li jaghmillu ferita gravi', pero` ma rnexxilux fortunatament ma laqatlu xejn minn dawk l-affarijiet li seta' laqatlu hemm f'dik iz-zona. U kif ukoll jekk intom jirrizultalkom illi l-intenzjoni kienet wahda biss li b'dik l-isparatura, jew biz-zewg sparaturi anzi, ried jaghmel biss ferita ta' natura hafifa.… Kif ghidtilkom dan japplika kemm fit-tliet ipotesijiet: ta' intenzjoni omicida, ta' intenzjoni ta' tentattiv ta' offiza gravi, kif ukoll ta' intenzjoni ta' ferita semplici….”

**11.** Ghalkemm forsi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kienx preciz meta ma rreferiex ghall-intenzjoni generika ta' offiza hafifa, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma seta' sofra l-ebda pregudizzju b'daqshekk. Il-verdetti alternattivi kienu kollha *spelled out* u spjegati u c-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-att ossia atti materjali, kollha ngabu a konjizzjoni tal-gurati li setghu minnhom jiddezumu l-intenzjoni – naturalment soggettiva – ta' l-appellant fil-mument li ghamel l-atti lilu attribwiti. Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi michud.

**12.** It-tieni lment jirrigwarda l-gustifikazzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-ewwel verdett moghti lill-gurija. Dan il-verdett kien jaqra hekk: “Il-gurati unanimament, jew b' …… voti favur, u b' …… kontra, jsibu lil Giosue` Gauci mhux hati ta' l-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza.” Skond l-appellant, bil-fatt illi l-ewwel Qorti rrakkomandat lill-gurija biex tiskarta dan il-verdett, hija ddecidiet li l-prosekuzzjoni kienet lahqet il-grad tal-prova rikjest minnha bil-ligi, u cioe` li hija kienet ippruvat il-kaz taghha sal-grad tac-certezza morali. Konsegwentement, dejjem skond l-appellant, il-gurija ma gharblitx jekk effettivament il-prosekuzzjoni lahqitx il-grad tal-prova taghha in sostenn taz-zewg kapi ta' l-att ta' akkuza.

**13.** Dan l-ilment huwa wiehed frivolu. Gie sostnut diversi drabi li **“Justice moreover requires that he** [the trial judge] **assists the jury to reach a logical and reasoned**

**conclusion on the evidence."**[3] F'dan il-kaz, huwa proprju dan li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu. Difatti, bhalma qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz, id-difiza ma kinitx qed tikkontesta li l-appellant kien spara hu izda kienet qed issostni illi spara *in self defence* – fil-fatt fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant qal li l-ewwel tir sparah u t-tieni "hadlu" r-revolver. *"Mela l-one ghamilniha"*, qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri, *"biex inkunu kompleti minn kollox ghall-kaz illi intom minkejja li gew ix-xhieda u qalu x'qalu hawnhekk tghidu dan Giosue` Gauci x'ghandu x'jaqsam ma' dan il-kaz, lanqas biss ippruvawlu xejn dan, u f'dak il-kaz tuzaw l-option number one. Pero` kif ghidna, din ghamilniha hawn iktar mil-lat kozmetiku ghax il-verdett li qed titlob id-difiza stess huwa t-tielet wiehed u mhux dan, fejn ikollha certifikat li dak li sar, sar minhabba self defence."*[4] Ghalhekk dan it-tieni lment huwa respint.

**14.** It-tielet ilment jirrigwarda l-htija o meno ta' l-appellant taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza. L-appellant jghid illi wara l-ispjegazzjoni dettaljata tad-difiza ta' *legittima difesa* l-Imhallef li ppresjeda l-guri sahaq lill-gurija li qabel ma jibdew l-istadju tad-deliberazzjoni kellhom l-ewwel jiddeciedu lil min ser jemmnu u cioe` jekk hux lill-appellant jew lil Ronald Azzopardi, u stieden lill-gurija sabiex f'kaz li temmen lil Ronald Azzopardi u mhux lill-appellant, allura din id-difiza taqa' u bil-fors irid ikun hemm sejbien ta' htija taht it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza. L-appellant hawn ukoll itenni li l-ewwel Qorti arrogat lilha nnifisha apprezzament tal-provi li mhux afdat lilha mil-ligi.

**15.** Din il-Qorti hi tal-fehma li r-rakkomandazzjoni ta' l-ewwel Qorti sabiex il-gurati l-ewwel jiddeciedu lil min ser jemmnu kienet f'waqtha. F'dan il-kaz kien hemm zewg verzjonijiet kontrastanti u l-gurati setghu jgharblu d-difizi alternattivi biss fid-dawl tal-fatti li jirrizultawlhom pruvati. Issa minn ezami ta' l-indirizz, ghal dak li jirrigwarda t-Tieni

---

[3] Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** (p. 464 para. 4-376).

[4] Pagna 76 tat-traskrizzjoni at' l-indirizz.

Kap l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal lill-gurati li jekk ghall-grazzja ta' l-argument jiddeciedu li l-appellant ma ghamel xejn jew li dak li ghamel, ghamlu taht *full self defence*, *"allura l-Qorti qed tghidilkom minn issa ma jistax ikun hemm htija tat-Tieni Kap…. Jekk issibu xi htija ohra taht l-Ewwel Kap, imma mhux self defence, anke b'xi estenwanti jew inkella xi skuzanti ohra, il-provokazzjoni jew l-agitazzjoni tal-mohh, allura iva jista' jkun hemm il-htija taht it-Tieni Kap."*[5] Din id-direttiva kienet perfettament korretta, u ghalhekk kull kumment iehor huwa superfluwu. Isegwi li anke dan it-tielet ilment qieghed jitqies frivolu.

**16.** Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tittratta l-ewwel aggravju li jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati salv dak li ntqal fuq, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[6]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet tax-xiehda li taw it-Tabib Dr. Mario Scerri u Ronald Azzopardi waqt il-guri, it-traskrizzjonijiet tad-difiza, tar-replika u tal-kontro-replika, semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda li ta l-appellant waqt il-guri, ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti tal-kumpilazzjoni (inkluzi l-atti ta'

---

[5] Pagna 74 - 75 *ibidem*.

[6] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

l-Inkjesta) kif ukoll id-deposizzjonijiet ta’ dawk ix-xhieda li x-xiehda taghhom waqt il-guri ma gietx traskritta.

**17.** Issa, skond l-appellant, is-sejbien ta’ htija kienet dovuta ghal certa “hekk imsejha provi li tressqu ‘l quddiem mill-prosekuzzjoni li jwasslu ghal suspett u mhux prova, kif ukoll minhabba li r-replika ta’ l-abbli prosekutur kienet mibnija kompletament fuq kongettura u mhux provi”. L-appellant jirreferi ghal tliet sorsi ta’ provi li jsejhilhom “zgwidanti”: ix-xiehda u opinjonijiet tat-Tabib Dr. Mario Scerri, l-access u x-xiehda ta’ Ronald Azzopardi.

**18.** Dwar it-Tabib Dr. Mario Scerri, l-appellant jilmenta li dan l-espert hareg barra mir-*remit* tieghu billi ghamilha ta’ espert ballistiku meta ddeskriva l-balla u eskluda l-possibilita` ta’ *ricochet*. Meta, in kontro-ezami, gie mistoqsi biex jispjega x’ried ifisser bil-frazi *“burnt margins”* u kif jinterpreta l-fatt li kienu mdawrin bi tbengila, u jekk tali rizultanzi jaqblux ma’ tir li sar minn distanza vicina hafna, Dr. Scerri cahad dak li kien qieghed jigi suggerit lilu. Jghid li dikjarazzjonijiet ohra li ghamel l-istess espert dwar li kieku kien hemm *near contact* kien ikollu jsib *tattooing* jew *powder markings* huma mediko-legalment skorretti u f’kull kaz *ultra vires*. L-appellant jghid li Dr. Scerri ma hax in konsiderazzjoni li meta huwa nvista lil Ronald Azzopardi, dan kien ilu l-Isptar f’sodda u ghalhekk tracci ta’ *powder smudging* madwar l-offiza ntmesshu mal-lozor, Azzopardi ma kienx ghadu liebes il-hwejjeg li kellu fuqu waqt l-incident, u ma sarux testijiet fuq dawn il-hwejjeg ghal tracci ta’ *gunshot residue*. Izid jghid li Dr. Scerri ma kkunsidrax li tali hwejjeg setghu b’xi mod assorbew huma l-*gunshot residue*, liema *gunshot residue* jikkaguna l-*powder tattooing*, kif lanqas ma kkunsidra li meta missila tghaddi minn oggett qabel ma tidhol fil-gisem, il-missila tista’ tbiddel it-trajettorja skond il-hxuna ta’ l-oggett, f’dan il-kaz *coat* ohxon, qmis u flokk li kien liebes Ronald Azzopardi. Skond l-appellant, Dr. Scerri ma semmiex il-klassifikazzjonijet kollha ta’ offizi minn tiri ta’ arma tan-nar. L-appellant jilmenta wkoll illi, stante li l-prosekuzzjoni ma gabitx lill-kirurgu li opera lil Ronald Azzopardi u li kien l-uniku bniedem li seta’ jghid jekk effettivament fl-*abrasion collar/rim* ta’ l-offiza nstabux tracci ta’ *gunshot residue* jew

le, l-appellant kien limitat milli jaghmel mistoqsijiet adegwati lil Dr. Scerri.

**19.** L-appellant jissokta jghid illi meta wiehed iqis li t-tezi tieghu mill-bidu nett kienet li meta huwa spara l-ewwel tir, huwa kien vicin ferm ta' Ronald Azzopardi (mghannaq mieghu), l-opinjoni erroneja mediko-legali ta' Dr. Scerri wasslet biex svijat lill-gurija li tpoggiet fl-impossibilita` li temmen dak li sostna mill-bidu l-appellant. Jilmenta wkoll mill-insistenza ta' Dr. Scerri in ri-ezami li dahar Ronald Azzopardi kien it-*target* tat-tir sparat, kif ukoll minn dak li qal li l-offiza li garrab Azzopardi kienet hafifa ghax "il-Bambin kien mieghu", li mhix opinjoni ta' espert izda asserzjoni perikoluza hafna intenzjonata biex timpressjona lill-gurija.

**20.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi ma tridx tkun espert ballistiku biex tiddeskrivi balla u tghid li ma kinitx mghattna u li ma kienx hemm *ricochet*. Barra minn hekk l-appellant ma jistax jilmenta li Dr. Mario Scerri mar *ultra vires* f'xi osservazzjonijet li ghamel meta dawk l-osservazzjonijiet kienu <u>r-rizultat ta' mistoqsijiet li saru mid-difiza stess</u>. Sarx *powder smudging* jew le hi biss kongettura. Hija sfortuna li l-*coat* li kien liebes Ronald Azzopardi ma giex ezaminat ghal *gunshot residue*, izda n-nuqqas ta' dan ma jfissirx illi ma setghux jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra biex tigi determinata l-prossimita` tal-pistola ghall-vittma fil-hin ta' l-isparatura. Tibdil fit-trajettorja ta' balla fin-normalita` ta' l-affarijiet jigri meta din tahbat ma' oggett rezistenti, ossia oggett iebes, u mhux ma' materjal irqiq jew flessibbli. Ma kienx hemm in-necessita` li jixhed ukoll il-kirurgu biex id-difiza tkun tista' taghmel mistoqsijiet ulterjuri lil Dr. Scerri. Fil-fatt xehdu t-tobba li ezaminaw lil Ronald Azzopardi qabel ma gie operat, u cioe` Dr. Mary Rose Cassar u Dr. Branko Dunjic, li kienu xhieda idoneji biex iwiegbu ghal tali kweziti. Kwantu ghal dak li sostna Dr. Scerri, il-gurati ma kinux marbuta bl-opinjonijiet ta' Dr. Scerri u setghu anke waslu ghall-verdett taghhom a bazi ta' provi ohra li gew prodotti. L-istess jista' jinghad illi d-decizjoni tal-gurati zgur ma tistax tigi marbuta ma' l-osservazzjoni ta' Dr. Scerri li "l-Bambin kien mieghu". Tali osservazzjoni ma tekwivalix

ghall-kommissjoni ta' reat, peress illi anke f'kaz ta' accident fejn persuna "tehlisha" hafif, hija espressjoni li solitament tintuza.

**21.** Dwar l-access, l-appellant jirreferi ghall-enfasi kbira mill-prosekuzzjoni dwar il-fatt li l-gurija setghet tara l-angolu tal-balla sparata bit-tieni tir ghaliex il-*letter box* milquta kienet ghadha fil-post. Il-Qorti stiednet lill-gurija sabiex huma stess iharsu lejn il-*letter box* u huma stess jippruvaw jaraw l-angolu tat-tieni tir. Jghid li d-difiza oggezzjonat ghal tali ezercizzju peress illi skond l-espert tas-*scene of crime* P.C. 1253 Frederick Brincat, il-*letter box* giet elevata mill-esperti ballistici quddiemu wara li kienu ttiehdu r-ritratti. L-esperti ballistici ma jsemmu xejn li elevaw il-*letter box* u jillimitaw ruhhom ghal zewg balal u zewg skratac. Skond l-appellant, il-metikolozita` ta' P.C. 1253 tikkontrasta ma' l-agir ta' l-esperti l-ohra ghax kieku c-*chain of custody* ma nkisritx u l-*letter box* giet esebita l-Qorti bhalma gara bid-dokumenti l-ohra, l-ebda dritt ta' l-appellant ma kien ikun gie mittiefes. Pero`, ikompli jsostni l-appellant, minhabba li ma hemmx ic-certezza morali li l-*letter box* murija lill-gurija hija proprju dik milquta fl-incident mertu ta' din il-kawza, allura l-appellant jikkontendi li legittimament u ragjonevolment anke hawn il-gurija nghatat prova ohra zgwidanti li wasslet sabiex hija tiddeciedi kif iddecidiet.

**22.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-ilment huwa wiehed frivolu ghall-ahhar. Huwa veru illi P.C. 1253 Frederick Brincat fir-relazzjoni tieghu jghid illi l-esperti ballistici elevaw, *inter alia*, "toqba gewwa letter box fil-bieb ta' barra tal-komun tal-flats fejn kien sitwat l-ufficcju msemmi kif ukoll comba li kienet imwahhla gewwa l-letter box imsemmija …". Huwa veru wkoll illi "toqba" ma tistax tigi elevata. Izda li P.C. 1253 jghid illi l-*letter box* giet elevata hi biss assunzjoni. Difatti mir-rapport ta' l-esperti ballistici ma jirrizultax li l-*letter box* giet elevata minnhom. Ir-rapport jelenka specifikatament dak li gie elevat, u cioe` zewg skratac u zewg *bullet heads*.[7] Sahansitra r-ritratti esebiti

[7] Ara "Lista tal-Esebiti" f'pagna 8 tar-rapport ta' l-esperti ballistici a fol. 98 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

ma jurux il-qlugh tal-*letter box* izda jiddokumentaw l-ezami ta' l-istess.[8] Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi respint.

**23.** Kwantu ghax-xiehda ta' Ronald Azzopardi, l-appellant prattikament jilmenta – b'mod frivolu ghall-ahhar – dwar il-fatt illi dan ix-xhud ittella' bhala l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni. Aktar minn hekk, pero`, jghid li Ronald Azzopardi ma kienx konsistenti u li fuq kwantita` ta' fatti ma kien korroborat minn hadd. Jghid li Ronald Azzopardi ma kellux jitwemmen f'dak li qal rigward il-proprjeta` ta' l-arma. Ronald Azzopardi kien midjun, kien qed jghix hajja barra mil-limiti tieghu ekonomici u kellu jarma ruhu ghaliex kien jaf li xi uhud mill-kredituri tieghu, f'xi gurnata ma setghux komplu jemmnu l-gideb u l-iskuzi tieghu. Ghalhekk l-appellant jghid li hu verosimili u aktar probabbli dak li jikkontendi hu, u cioe` li l-arma kienet ta' Azzopardi. L-appellant ma kellu l-ebda interess u wisq aktar l-intenzjoni li joqtol lis-sors li tant kellu jtieh flus. Mhux l-istess jista' jinghad dwar Azzopardi li kellu kull interess illi jipprezumi illi f'xi mument jew iehor xi hadd jista' jaggredieh u li dan seta' jsir f'kull post u f'kull mument. Ronald Azzopardi, jghid l-appellant, kien konsistenti biss fil-mahfra tieghu lill-appellant. L-appellant jghid ukoll illi Ronald Azzopardi dejjem ghamel l-istess mossi sabiex iddeskriva skond hu kif l-appellant hareg l-arma utilizzata, u cioe` li l-appellant permezz ta' idu tax-xellug hareg arma tan-nar minn taht il-gakketta li kien liebes, min-naha tal-lemin, mill-parti ta' fuq, fuq is-sider. Skond l-appellant, il-provi juru li dak li qal Ronald Azzopardi mhux minnu. Difatti l-gakketta tat-*track suit* li kien liebes l-appellant ma kellhiex bwiet fuq gewwa.

**24.** Dan kollu li qieghed jinghad mill-appellant kien quddiem il-gurati li ghalhekk setghu jaghmlu l-apprezzament tieghu bhalma ghamlu l-apprezzament tax-xiehda li ta l-appellant stess quddiemhom. Din il-Qorti tosserva mbaghad illi anke jekk persuna tkun liebsa gakketta ta' *track-suit* minghajr bwiet, oggett, anke pistola, jista' xorta jingarr mohbi fuq il-persuna. Barra minn hekk

---

[8] Ara ritratti 05ALM122 sa 05ALM127 fil-faxxikolu fotografiku a fol. 110 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

ma jistax jinghad illi l-appellant innifsu kien ghal kollox konsistenti, jew li kull ma qal gie korroborat minn evidenza ohra. Hekk fl-istqarrija tieghu qal li spara fis-saqaf u fl-art, mentri meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li spara l-ewwel tir biex jahrab u l-iehor hadlu. Inoltre l-provi juru li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' sparatura fis-saqaf u fl-art. L-appellant xehed ukoll illi Ronald Azzopardi hareg l-arma mill-kexxun [ta' l-iskrivanija] mentri rrizulta li l-iskrivanija ma kellhiex kexxun.

**25.** Din il-Qorti tirreferi wkoll ghar-rapport ta' Dr. Mario Scerri li huwa kkonferma waqt il-guri fejn jghid: "Illi meta l-esponent hareg mill-ufficcju ta' l-Ispettur Cilia, Giosue` Gauci staqsieh dwar il-kondizzjoni ta' Ronald Azzopardi u l-esponent infurmah illi fortunatamaent Azzopardi ma kienx fil-periklu li jitlef hajtu. Hawnhekk Giosue` Gauci qal lill-esponent illi <u>hu ma riedx joqtol lil Azzopardi izda ried ibezzghu biss</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti). Kif ried ibezzghu, tistaqsi din il-Qorti, jekk mhux bil-pistola?

**26.** Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar dik li jsejhilha kongettura maghmula mill-prosekuzzjoni fl-istadju tar-replika. Jghid illi l-prosekutur beda dan l-istadju delikat tal-guri billi bidel il-mossa li kien qieghed jaghmel Ronald Azzopardi sabiex juri kif, skond hu, l-appellant hareg l-arma; beda juza idu tal-lemin sabiex juri kif, skond hu, l-appellant hareg arma b'idu tal-lemin jew mill-gholi tas-sider tal-lemin jew addirittura minn hziemu. Jghid illi l-prosekutur sostna ghal aktar minn darba li l-appellant seta' hareg l-arma mill-but tal-qmis, u dan meta ma ngabitx prova li l-appellant kien liebes qmis. Il-prosekutur giddeb lill-istess Ronald Azzopardi meta sostna illi l-appellant seta' wkoll hareg l-arma minn gewwa hziemu meta Azzopardi kien insista li l-appellant harigha mill-parti l-gholi tas-sider tan-naha tal-lemin. L-appellant jilmenta wkoll illi waqt il-kontro-replika, hekk kif id-difensur tieghu wera li dak kollu li kien qal il-prosekutur dwar qmis kien biss kongettura stante li mir-ritratt numru 12 fir-relazzjoni ta' Dr. Scerri kien jidher li l-appellant kien liebes T-shirt, il-prosekutur interrompa billi b'lehen gholi ghajjat "fi x'hin ittiehed dak ir-ritratt?" Skond l-appellant dan il-kumment kien *a blow below the belt* ghax wassal lill-gurija biex

takkosta ruhha mal-kongettura tal-prosekuzzjoni fuq il-qmis u li l-appellant kien f'xi hin biddel hwejgu u ghalhekk kellu ragun Ronald Azzopardi f'dak li qal.

**27.** Hawn ukoll wiehed irid iqis l-incidenti msemmija fil-kuntest ta' dak kollu li sehh matul il-guri. Dwar il-mossi li allegatament ghamel il-prosekutur, id-difiza kellha certament l-opportunita` fil-kontro-replika tirrettifika kwalunkwe impressjoni, skond l-appellant skorretta, li kien ta l-prosekutur. Dwar il-kwistjoni tal-qmis, filwaqt illi taqbel illi ma kienx f'waqtu illi l-prosekutur jaghmel dik il-mistoqsija dwar x'hin kien ittiehed ir-ritratt, id-difiza kienet fl-istadju tal-kontro-replika u ghalhekk setghet facilment turi lill-gurati r-ragunijiet li ghalihom kellhom jiskartaw il-kumment tal-prosekutur. Difficilment jista' jinghad illi d-decizjoni tal-gurati kienet bazata fuq, jew remotament influwenzata minn, il-mossi li ghamel il-prosekutur jew bazata fuq il-kumment dwar il-hin li ttiehed ir-ritratt. Kif diga` gie osservat aktar 'il fuq, kien hemm diversi provi li a bazi taghhom il-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li effettivament waslu ghalih. Minbarra dak li diga` gie indikat f'din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijet ulterjuri:

- Mir-rapport ta' l-esperti ballistici jirrizulta li l-iskratac u l-balal misjuba (peress illi l-pistola qatt ma nstabet) normalment ikunu sparati minn pistola tat-tip semi-automatic. "Din it-tip ta' pistola tiffunzjona permezz li jitpoggewlha bullets ikkargati fil-magazine taghha u meta jkun sar dan, il-magazine jitpogga f'postu fil-manku tal-pistola. Biex tittella' balla kkargata fil-kanna s-slide tingibed lura u tintelaq. B'hekk il-pistola tkun lesta biex tigi sparata meta jinghafas il-grillu u meta s-safety catch (jekk din tkun mghammra b'wiehed) jitpogga fuq il-FIRE Position."[9] Minn dan jidher illi sabiex tispara l-pistola trid taghmel moviment konxju b'subghajk billi taghfas il-grillu kull darba li tkun trid tispara.

- Il-gurati kellhom zewg verzjonijiet kontradittorji quddiemhom, dik ta' l-appellant u dik ta' Ronald

[9] Pagni 5 – 6 tar-rapport ta' l-esperti ballistici a fol. 95 u 96 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

Azzopardi. Pero` anke kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-pistola kienet ta' Azzopardi, meta l-appellant irnexxielu – dejjem skond il-verzjoni ta' l-appellant – jiehu l-pistola minn idejn Azzopardi, jibqa' l-fatt illi mhux tir wiehed gie sparat izda tnejn u t-tieni wiehed zgur kien dirett lejn Azzopardi waqt il-harba tieghu mill-blokk. F'dan ir-rigward huwa importanti dak li jirrizulta mir-rapport ta' l-esperti ballistici u dak li jirrizulta mir-ritratti ga` msemmija, b'mod partikolari l-angolatura tal-balla li turi li l-pistola giet sparata minn fuq ghal isfel, u cioe` fid-direzzjoni fejn kien qieghed jahrab Azzopardi. Jigifieri din il-Qorti hi tal-fehma li difficilment jista' jitqies kredibbli l-appellant li t-tieni sparatura kienet biss rizultat ta' *a stray shot*.

**28.** In konkluzjoni ghalhekk, mill-assjem tal-provi, din il-Qorti taqbel illi l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu kif ikkonkudew dwar il-htija ta' l-appellant. Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**29.** Aggravju iehor ta' l-appellant jirrigwarda l-ispejjez peritali. Huwa jghid li dawn gew inkorsi fil-hlas lill-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta izda mbaghad esegwiti fl-Istruttorja. Ghalhekk isostni li m'ghandux ihallas taghhom. L-appellant pero` m'ghandux ragun. Huwa minnu li l-esperti gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti, izda kollha wettqu l-inkarigu taghhom fil-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Ghalhekk l-ispejjez peritali ghandhom jithallsu kollha mill-appellant hlief, pero`, dawk ta' Dr. Lara Lanfranco. Skond it-tielet *proviso* ta' l-artikolu 548 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **"bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 552(2), ebda espert ma ghandu jinhatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xiehda taghhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti."** Mir-rapport ta' Dr. Lanfranco esebit quddiem il-Qorti Istruttorja fid-29 ta' Novembru 2005[10], jirrizulta illi huwa proprju dan li ghamlet, cioe` li semghet ix-xhieda bil-gurament u stabbilixxiet il-fatti rilevanti. Il-fatt li hejjiet skizz u dan thalla jitqassam lill-gurati ma jbiddel xejn mill-posizzjoni legali.

[10] Fol. 117 -134 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

**30.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li dwarha l-appellant jghid illi ghalkemm hi fil-parametri tal-ligi, kellha tinghata fil-minimu taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li seta' jigi kkunsidrat biex waslet ghall-piena minnha determinata. U billi l-piena nflitta la hi *wrong in principle* u l-anqas *manifestly excessive*, m'hemmx lok li din il-Qorti tvarjaha.

**31.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

i. thassarha u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ihallas is-somma ta' elf mija u disghin euro u dsatax-il centezmu (€1,190.19) spejjez peritali, u minflok tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali kollha inkorsi ad eccezzjoni ta' dawk konnessi mar-relazzjoni tal-perit Dottor Lara Lanfranco, u tordna lir-Registratur jerga' jikkomputa l-ammont hekk dovut u jikkomunikah minnufih lill-appellant li jkollu hmistax-il jum zmien minn dik il-komunika biex ihallashom; u

ii. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------